**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 9 ta' Mejju 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 59

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 59 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 15 ta' Mejju 2017 fil-5:30pm

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
59.5 Rapporti;
59.6 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
59.7 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2017;
59.8 Evalwazzjoni ta' Festa ta' Nar 2017;
59.9 Jum il-Qrendi 2018;
59.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
59.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tad-59 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Mejju 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

59.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

59.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

59.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

59.2.1 Il-Minuti tat-58 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

59.2.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ssekondat il-Minuti.

59.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 59.3, 59.4 u 59.5 jiġu diskussi wara Minuta 59.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

59.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI**

59.6.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi u qal li ħareġ il-permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, imma xorta waħda x-xogħol ma jistax jinbeda qabel it-8 ta' Ġunju 2017 minħabba li jrid jgħaddi xahar sħiħ minn meta tkun ittieħedet id-deċiżjoni finali mill-Awtorità tal-Ippjanar.

59.6.2 Qal li saret laqgħa fuq is-sit fejn ġejja l-ATM mal-Perit tal-Kunsill Lokali

kif ukoll ma' rappreżentant tal-Bank BOV, sabiex niddiskutu kif se nipproċedu dwar id-dawl, servizz tal-internet u servizzi oħra bżonnjużi.

59.6.3 Spjega kif qegħdin nipproġettaw li x-xogħol jinbeda f'Ġunju li ġej u fil-preżent għaddejjin diversi żviluppi sabiex ix-xogħol ikun jista' jinbeda fiż-żmien stipulat.

59.6.4 Fisser kif anke x'ħin tkun lesta l-kmajra, jista' jkun li jkollna ftit dewmien sakemm titwaħħal il-makna tal-ATM, u dan minħabba li għadna qed nistennew il-bieb ta' sigurtà li se jiġi installat ma' din il-kmajra. Biss il-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li sa Settembru 2017 din l-ATM tkun qiegħda tiffunzjona u taqdi l-bżonnijiet tar-residenti Qrendin u t'oħrajn.

## 59.7 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2017</u>

59.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Festival Agrarju tal-Patata 2017 kellu jiġi mħassar wara li fl-1 ta' Mejju l-Prim Ministru Joseph Muscat sejjaħ elezzjoni ġenerali għas-Sibt 3 ta' Ġunju 2017.

59.7.2 Qal li l-Festival tħassar minħabba li kieku dan jaħbat ġimgħa biss qabel ma l-pajjiż imur għal elezzjoni ġenerali, u l-biża' hi li ma jkollniex konkorrenza ta' nies.

59.7.3 Spjega kif bħala Kunsill Lokali diġà ħarisna lejn il-possibiltà li dan il-Festival isir matul ix-xahar ta' Settembru, imma kull *weekend* minn dan ix-xahar huwa mimli b'attivitajiet oħra, u għaldaqstant kellna nieħdu d-deċiżjoni li għal din is-sena l-Festival jitħassar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 59.8 EVALWAZZJONI TA' FESTA TA' NAR 2017

59.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li nistgħu ngħidu li morna tajjeb ħafna fl-organizzazzjoni ta' din il-Festa, u għalkemm kien hemm xi lmenti minn xi individwi, xorta waħda qlajna ħafna kliem ta' tifħir fuq din l-attività.

59.8.2 Żied li dan il-Festival din is-sena sar fil-Qrendi, imma għadna ma nafux is-sena d-dieħla x'se jiġri, u hux se jerġa' jkollna offerta simili jew le.

## 59.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2017

59.9.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar Jum il-Qrendi u qal li s-sena d-dieħla l-Qrendi se jkun qiegħed jagħlaq erba' mitt sena parroċċa.

59.9.2 Qal li d-19 ta' Frar se jaħbat it-Tnejn u allura Jum il-Qrendi suppost jaħbat il-Ħadd 18 ta' Frar u spjega kif ikun xieraq jekk għal din l-okkażjoni jkun inawgurat mafkar.

59.9.3 Hu ppropona li l-aħjar lok fejn dan il-mafkar isir huwa fil-biċċa *soft area* li hemm maġenb il-klabb tal-boċċi, fejn hemm arblu bil-bandiera ta' Malta fuqu.

59.9.4 Ippropona wkoll li għandu jiġi ffurmat sottokumitat sabiex jieħu ħsieb l-attivitajiet li se jkunu organizzati matul Jum il-Qrendi tas-sena li ġejja.

59.9.5 Spjega li jkun għaqli jekk fil-laqgħa li jmiss din il-materja terpa' tiġi diskussa, u dan sabiex il-Kunsillieri jkollhom ċans jaħsbu f'imkejjen differenti madwar il-Qrendi fejn jista' jsir il-mafkar, kif ukoll niddiskutu x'baġit se jkun qiegħed jallokka l-Kunsill Lokali għal din il-biċċa xogħol artistika.

59.9.6 Fl-aħħar nett qal li bħala Kunsill Lokali se nippruvaw nippjanaw laqgħa mal-Kappillan tal-Qrendi sabiex naraw xi ħsibijiet għandu hu għal Frar

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tas-sena li ġejja.

## 59.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

59.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li llum għadu kif inbeda x-xogħol fuq il-'ponot' ta' Wied iż-Żurrieq.

59.3.1.1 Qal li x-xogħolijiet qegħdin isiru mill-Ministeru għall Infrastruttura u t-Trasport, filwaqt li l-materjal li hemm bżonn qiegħed iħallas għalih il-Kunsill Lokali.

59.3.1.2 Spjega kif il-ħaddiema u x-xogħol li qegħdin jagħmlu se jkunu qegħdin jitħallsu mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

59.3.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni, fejn fiha ġew diskussi l-*wi-fi hotspots*.

59.3.2.1 Qal li matul din il-laqgħa ġejna mwiegħda tlieti *wi-fi hotspots* ġodda, waħda fi Triq Rokku Buhagiar, oħra f'Misraħ Santa Marija u oħra f'Misraħ il-Maqluba.

59.3.2.2 Spjega kif l-MCA jixtiequ li jagħmlu proġett pilota mal-lokal tal-Qrendi, fejn meta wieħed jilloggja għall-internet permezz tal-*wi-fi hotspots*, ikun iddirezzjonat lejn il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali.

59.3.2.3 Barra minn hekk qal ukoll li l-MCA jixtiequ li anke jorganizzaw korsijiet tal-kompjuter fir-raħal tagħna, imma d-diskussjonijiet dwar dawn għadhom għaddejjin.

59.3.3 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza bit-titlu **Skema – Toroq Rurali,** u qal li rċevejna nota mingħand Transport Malta, fejn dawn jidher li se japplikaw sabiex jagħtu wiċċ ġdid ta' tarmak fi Triq San Niklaw u parti minn Triq Misraħ is-Sinjura.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

59.3.3.1 Fisser li jekk kemm-il darba naqblu ma' din il-proposta, irridu niffirmaw ftehim mal-istess Transport Malta sabiex huma jkunu jistgħu jissottomettu din l-applikazzjoni.

59.3.3.2 Qal li b'kollox din il-medda ta' triq tinkorpora madwar 1.8 kilometri u żgur li jekk issir tkun ta' fejda mhux biss għall-Kunsill Lokali imma wkoll għar-residenti.

59.3.3.4 Is-Sindku ppropona li għandna naċċettaw il-proposta ta' Transport Malta u niffirmaw dan il-ftehim.

59.3.3.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

59.3.4 Is-Sindku tkellem dwar ir-roundabout prinċipali tal-Qrendi u qal li fl-aħħar jiem inbidlu d-dwal tagħha, u dan sabiex din l-istess roundabout tkun waħda tematika.

59.3.4.1 Qal li matul il-ġimgħa li għaddiet kien hemm jumejn t'aktar għarfien fuq il-*Myalgic encephalomyelitis* u l-*Fibromyalgia*, u għaldaqstant ir-roundabout inxtegħlet bil-kuluri vjola u roża.

59.3.4.2 Spjega kif minn żmien għal żmien nistgħu nibdlu l-kuluri kollha, u qal li meta se nkunu qegħdin niċċelebraw il-festi tal-lokal, għal ġimgħa sħiħa din ir-roundabout se tkun mixgħula bil-kulur li jappartjeni għall-festa partikolari.

59.3.4.3 Fisser kif fil-festi nazzjonali, il-kuluri se jkunu dejjem abjad u aħmar, il-kuluri tal-bandiera Maltija.

59.3.4.4 Qal li s'issa l-istrutturi tad-dwal għadhom qegħdin jidhru, imma malli se jikber ftit oħra l-ħaxix dawn jitgħattew u jibqa' jidher biss id-dawl li jagħmel effett isbaħ.

59.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li hemm il-ħsieb li tiġi rranġata l-latrina pubblika.

59.3.5.1 Qal li ħmistax ilu kien hemm sadd maġġuri f'Wied iż-Żurrieq u wieħed jista' jgħid li kważi kellna diżastru sħiħ, tant li l-latrina kellha tinżamm

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

magħluqa għal jumejn sħaħ.

59.3.5.2 Spjega kif l-awtoritajiet qegħdin jipproponu li ssir medda ġdida maġenb dik antika, u dan ix-xogħol mistenni jiġi jiswa madwar €800 u se jitħallas mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

59.3.5.3 Kompla li wara li titlesta din il-medda, imbagħad ikun imiss li jibda x-xogħol fuq il-latriniċ pubbliċi li hemm hemmhekk.

59.3.5.4 Fisser kif sakemm jitlesta x-xogħol fuq il-latrini pubbliċi, se jkollna bżonn is-servizz tal-*mobile toilets*, u dan sabiex inneħħu l-piż minn fuq il-latrina pubblika, jew inkella agħar minn hekk, li n-nies ma jinqdewx.

59.3.6 Is-Sindku tkellem dwar inizjattiva ta' Inizjamed flimkien ma' Valletta 2018, l-inizjattiva **Poeżija mill-Ħamrija**, li se ssir nhar il-Ħamis li ġej fit-8pm, fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

59.3.6.1 Qal li rridu niċċekkjaw mas-Soċjetajiet Mużikali sabiex naraw jekk humiex disponibbli li joffru d-dawl u s-sound għal din l-attività.

59.3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-varar tal-proġett pilota *Collective Memory Archives* li se jsir fl-24 ta' Mejju 2017.

59.3.7.1 Qal li fil-mument għadna qegħdin nistennew fejn se jsir dan il-varar.

59.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza ***FECC Conference Dinner,*** **Pjazza San Mattew –** ***Friday 18th May 2017,*** ikla li se tiġi organizzata nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju f'Misraħ il-Maqluba, fejn ikompli joħroġ biċ-ċar kemm il-Qrendi qiegħed jikber fil-popolarità tiegħu.

59.3.9 Is-Sindku tkellem dwar ir-ritratti li ttellgħu fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali li huma espressjoni artistika ta' kif ġej il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali.

59.3.9.1 Fisser kif permezz ta' dawn ir-ritratti għandna l-mudell diġitali 3D ta' kif ġej iċ-Ċentru Ċiviku u l-bandli, bħala proġett wieħed ħolistiku.

59.3.9.2 Spjega kif fil-preżent ninsabu fl-istadju t'aġġudikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, sabiex ikollna l-permessi kollha meħtieġa

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

minħabba li saru xi bidliet żgħar fuq il-pjanta.

59.3.9.3 Qal li s-smiegħ ta' din l-applikazzjoni se jsir fl-aħħar jiem tax-xahar ta' Ġunju 2017 u nittamaw li l-permess jgħaddi kollu kemm hu.

59.3.9.4 Fisser kif bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin noħorġu tliet sejħiet għall-offerti, wieħed għall-bini taċ-Ċentru Ċiviku, ieħor sabiex jitlesta l-bandli, kif ukoll ieħor għat-tlestija taċ-Ċentru Ċiviku.

59.3.10 Is-Sindku tkellem dwar iż-żona tal-għawwiema f'Wied iż-Żurrieq.

59.3.10.1 Qal li fil-preżent għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet imma żgur li mhux se tkun faċli li jintlaħaq ftehim dwar din iż-żona malajr.

59.3.11 Is-Sindku tkellem dwar it-tim ta' Qrendi FC u qal li apparti li nifirħu lil dan il-klabb ta' raħalna, irridu nifirħu wkoll lill-attakkant Giovanni Galea li rebaħ l-unur tal-aqwa skorer u l-aqwa plejer tal-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni fil-lejla t'unuri organizzata mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Futbol.

59.3.12 Qabel ma' ġie diskuss is-suġġet li jmiss, il-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia ssospendew ruħhom mil-laqgħa minħabba li s-Sur Carmel Farrugia jiġi t-tifel u ħu l-Kunsillieri rispettivament.

59.3.12.1 Is-Sindku tkellem dwar it-talba li kienet saret mis-Sur Carmelo Farrugia, dwar bankina fi Triq iż-Żurrieq, u qal li hu ltaqa' mas-Sur Farrugia personalment, imma milli jidher it-talba tiegħu hija xi ftit kumplessa.

59.3.12.2 Qal li wara l-laqgħa li kellu spiċċa aktar konfuż dwar kif tista' ssir din il-bankina fil-parti tat-triq konċernata, u kompla li minħabba ċertu kriterji din il-bankina se toħroġ ħafna 'l barra.

59.3.12.3 Fisser kif bil-kelma kien hemm diġa' individwi li oġġezzjonaw u fil-mument ikun aħjar jekk is-Sur Farrugia jġib pjanta mingħand il-Perit tal-għażla tiegħu dwar kif jixtieq li tiġi din il-bankina, u din it-talba ngħadduha lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

59.3.12.4 Wara li ġiet diskussa din il-materja, il-Kunsillieri Daniel u Daniela

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Farrugia reġgħu ssieħbu fil-laqgħa.

59.3.13 Is-Sindku tkellem dwar it-talba tas-Sur Antonio Spiteri sabiex tiċċaqlaq bozza fi Triq Santa Katarina.

59.3.13.1 Qal li hu tkellem mas-Sur Spiteri u daħal fil-każ u jidher ċar li din il-bozza hemm bżonn tiċċaqlaq, imma xorta waħda se tibqa' mwaħħla mal-faċċata tas-Sur Spiteri, u dan sabiex ma jkunux skomodati l-ġirien.

59.3.14 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza **Talba għal Laqgħa dwar Triq it-Torri, il-Qrendi**, u qal li l-Perit Darryl Cutajar qiegħed isostni li meta tkun ix-xita qiegħed jidħollu ħafna ilma ġewwa.

59.3.14.1 Qal li saret laqgħa fejn fiha attenda s-Sur Joseph Cutajar, missier Darryl, kif ukoll attenda l-Perit tal-Kunsill Lokali, fejn wara l-laqgħa kien deċiż li ssir laqgħa oħra finali qabel il-Kunsill Lokali jasal għal deċiżjoni.

59.3.14.2 Spjega kif fil-ġimgħat li ġejjin se nkunu qegħdin niltaqgħu madwar mejda sabiex noħorġu bi proposta finali ta' x'jista' jsir f'din it-triq partikolari u ma jbati ħadd.

59.3.15 Is-Sindku tkellem dwar pedestall tal-ġebel li jinsab fi Triq Santa Katarina, kantuniera ma' Triq is-Siġġiewi.

59.3.15.1 Ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jieħu ħsieb urġenti dan il-pedestall, minħabba li xi ġebel minnu qegħdin jitmermru u qegħdin nissugraw li nitilfuħ darba għal dejjem.

59.3.15.2 Kompla li jkun għaqli jekk il-Kunsill Lokali jiġbor tliet kwotazzjonijiet sabiex nieħdu idea kemm jiġi jiswa dan ix-xogħol, imbagħad minn hemm 'il quddiem il-Kunsill Lokali jiddeċiedi jekk huwiex se jmexxi jew le.

59.3.15.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

59.3.16 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza bit-titlu, **Talba għal Barriers fi Triq it-Tempesta, il-Qrendi**.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

59.3.16.1 Qal li min-naħa ta' Transport Malta qegħdin jinfurmawna li fil-preżent ma jistgħux jagħtuna permess li nagħmlu xi tip ta' barrikati, minħabba li fuq in-naħa inkwistjoni mhemmx bankina.

59.3.16.2 Żied li fl-ittra tagħhom Transport Malta qegħdin jgħidu li jekk kemm-il darba ssir bankina, allura mbagħad it-talba tkun tista' tiġi kkunsidrata.

59.3.16.3 Fisser kif fil-mument din il-bankina hija diffiċli ħafna li ssir, minħabba li jekk kemm-il darba ssir, il-wisa' tat-triq se titnaqqas, u probabilment ikun hemm riskju akbar t'inċidenti bil-vetturi u n-nies li jkunu qegħdin jimxu.

59.3.17 Is-Sindku tkellem dwar talba mingħand is-Sur Ryan Zammit, li qiegħed jgħid li waqa' arblu fuq il-karozza tiegħu f'Wied iż-Żurrieq, u dan ikkawżalu ħsara fil-vettura tiegħu.

59.3.17.1 Qal li min-naħa tagħna ċċekkjajna r-rapport li waslilna mingħand il-pulizija, u jidher li t-tabella msemmija mhijiex propjetà tal-Kunsill Lokali.

59.3.17.2 Żied li minħabba li din it-tabella nqalgħet bir-riħ, is-Sur Zammit għandu jirreferi t-talba lill-kumpanija tal-assikurazzjoni tiegħu.

## 59.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISOTQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

59.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk fi Triq it-Tabib Gregorio Mifsud k/ma' Triq Santa Katarina, tistax issir tabella li din it-triq tagħlaq.

59.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li lilu wkoll kien hemm min kellmu imma jidher li ħadd ma jrid din it-tabella quddiem biebu, u allura, meta r-residenti stess tat-triq jgħidulna fejn iriduha, peress li l-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

bankina hija dejqa, aħna nagħmluha.

59.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk jista' jsir il-qtugħ ta' ħaxix u anke knis fl-istess triq.

59.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li fil-jiem li ġejjin se jkun qiegħed jinqata' l-ħaxix tal-Qrendi kollu bi preparament għall-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

59.4.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar il-ħaxix li hemm fi Triq il-Feniċi u qalet li għandu bżonn jinqata'.

59.4.3.1 Is-Sindku reġa' sostna li l-qtugħ tal-ħaxix se jibda fil-jiem li ġejjin.

59.4.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar bozza fil-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq, u qalet li għalkemm hemm waħda maġenb is-*sub station* tal-Enemalta, hemm bżonn li ssir oħra.

59.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li huwa minnu li hemm bozza maġenb is-*sub station*, filwaqt li hemm oħra qrib il-ħwienet li jinsabu maġenb il-parkeġġ.

59.4.4.2 Il-Kunsillier Sant Mifsud sostniet li hemm bżonn li ssir waħda fin-nofs tal-parkeġġ, għax dik iż-żona tkun mudlama ħafna filgħaxija.

59.4.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar Triq Filippu Zammit u qal li s-siġar li hemm fil-ġnien li jinsab wara l-grawnd tal-futbol magħruf bħala ta' Dun Raymond, jinsabu nexfin qoxqox.

59.4.5.1 Qal li jekk ikun hemm xi ħadd li jfettillu jqabbad dawn is-siġar, jista' joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi u tista' ssir anek ħsara lill-vetturi li jkunu pparkjati fil-viċin.

59.4.5.2 Is-Sindku wieġeb li sfortunatament, dak il-ġnien mhuwiex propjetà tal-Kunsill Lokali, imma huwa propjetà tal-Knisja Parrokjali u għalhekk talab lill-Kunsillier Daniel Farrugia sabiex iressaq l-ilment tiegħu lill-Kappillan.

59.4.6 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar ilma li qiegħed jinġema' fl-istess triq li semma' aktar kmieni, meta joħroġ mid-djar tan-nies.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

59.4.6.1 Is-Sindku qal li se jkun qiegħed jiċċekkja dwar dan il-każ.

## 59.5 **RAPPORTI**

59.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-ħarġa għal Sqallija li kellha tiġi posposta għal data oħra minħabba li meta kienet se ssir kienet se taħbat eżatt mal-elezzjoni ġenerali.

59.5.1.1 Qal li issa din il-mawra għal Sqallija se nippruvaw nagħmluha matul ix-xahar ta' Settembru.

## 59.11 **KUNSIDERRAZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

59.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €10,243.38 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/17 u €99.89 skont il-*Petty Cash* Ref U/04.

59.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

59.11.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

59.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 59.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

59.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju 2017 fil-5:30pm.

______________________ ______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**